MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2011

Avviz Numru. 140/2010

**F (Advertising) Limited C 27689**

**Vs**

**David Walker ID 0195908 L**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta'tlett elef tmien mija u erbghin ewro (€3840) rappresentanti valur ta’ servizzi ta’ reklamar dovuti ai termini ta’ skrittura privata datata 22 ta’ Mejju 2009.

Bl-ispejjez inkuzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru nru 1268/10 u bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-istess mandat kontra l-intimati li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess

ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fil-31  ta' Ottubru 2011 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €3840.00 bl-imghax legali mid-dati tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru numru 1268/10 sal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes kollha inkluzi dawk tal-imsemmi mandat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------